



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

6600/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0038 (NLE)

POLCOM 27
SERVICES 7
FDI 6
COASI 39

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim
ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ ĠU C ..., ..., p. ... / Approvazzjoni ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)..

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (EU) 2023/...¹⁺, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 218(7) tat-Trattat, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni, wara li tikkonsulta mal-komitat speċjali maħtur mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 207(3) tat-Trattat, modifiki għall-Ftehim li jridu jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikataskont l-Artikolu 14.4 jew 18.33, jew l-Artikolu 24.3, il-punt (h) jew (i), tal-Ftehim.
- (3) Il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 27.6 tiegħu, fl-Unjoni ma jagħtix drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr daww maħluqa bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont id-dritt internazzjonali pubbliku.
- (4) Il-Ftehim jenħteġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab f'ST 6599/23 fit-test u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna rilevanti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-Deċiżjoni li tinsab f'ST 6599/23 fit-test.

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ('il-Ftehim') huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.¹⁺

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikoli 14.4 u l-Artikolu 24.3, il-punt (h), tal-Ftehim, il-modifiki, ir-rettifiki jew l-emendi fir-rigward tal-Anness 14 tal-Ftehim għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni wara li tikkonsulta mal-komitat speċjali maħtur mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 207(3) tat-Trattat.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikoli 18.33 u l-Artikolu 24.3, il-punt (i), tal-Ftehim, l-emendi tal-Anness 18-A jew 18-B tal-Ftehim għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni wara li tikkonsulta mal-komitat speċjali maħtur mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 207(3) tat-Trattat.

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU].
⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 6601/23.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 27.2(1) tal-Ftehim.¹

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.